

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-13 ta' Settembru 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Upper Tribunal (Immigration and Asylum Chamber) London – ir-Renju Unit) – Secretary of State for the Home Department vs CS**

(Kawża C-304/14)<sup>(1)</sup>

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Ċittadinanza tal-Unjoni — Artikolu 20 TFUE — Ċittadin ta' Stat terz li għandu l-kustodja ta' wild ta' età żgħira, ċittadin tal-Unjoni — Dritt ta' residenza fl-Istat Membru li tiegħi l-wild huwa ċittadin — Kundanni kriminali tal-ġenitħur tal-wild — Deċiżjoni ta' tkeċċija tal-ġenitħur li għandha bħala konsegwenza t-tkeċċija indiretta tal-wild ikkonċernat)

(2016/C 419/03)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### **Qorti tar-rinviju**

Upper Tribunal (Immigration and Asylum Chamber) London

### **Partijiet fil-kawża princiċiali**

Rikorrent: Secretary of State for the Home Department

Konvenut: CS

### **Dispożittiv**

L-Artikolu 20 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li jimponi t-tkeċċija mit-territorju ta' dan l-Istat Membru, għal Stat ieħor, ta' ċittadin ta' tali Stat li ġie suġġett għal kundanna kriminali, filwaqt li dan għandu l-kustodja effettiva ta' wild ta' età żgħira, ċittadin ta' dan l-Istat Membru, li huwa jīrrisjedi fih sa minn twelidu mingħajr ma eżerċita d-dritt ta' moviment liberu tiegħi, meta t-tkeċċija tal-persuna kkonċernata timponi fuq dan il-wild it-tluq mit-territorju tal-Unjoni Ewropea, b'hekk iċċaħħdu mit-tgawdija ġenwina tas-sustanza tad-drittijiet tiegħi bħala ċittadin tal-Unjoni. Madankollu, fċirkustanzi eċċezzjonali, Stat Membru jista' jadotta miżura ta' tkeċċija sakemm din tkun ibbażata fuq l-aġir personali ta' dan iċ-ċittadin ta' Stat terz, li għandu jikkostitwixxi theddida ġenwina, attwali u gravi biżżejjed li taffettwa interess fundamentali tas-soċjetà ta' dan l-Istat Membru, u li tistrieħ fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tal-interessi differenti inkwistjoni, liema fatt għandu jiġi vverifikat mill-qorti nazzjonali.

<sup>(1)</sup> ĠU 315, 15.9.2014

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-15 ta' Settembru 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Curtea de Apel Bucureşti, Curtea de Apel Oradea – ir-Rumanija) – SC Star Storage SA vs Institutul Național de Cercetare-Dezvoltare în Informatică (ICI) (C-439/14), SC Max Boegl România SRL et vs RA Aeroportul Oradea et C-488/14)**

(Kawża magħquda C-439/14 u C-488/14)<sup>(1)</sup>

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttivi 89/665/KEE u 92/13/KEE — Kuntratti pubbliċi — Proċeduri ta' reviżjoni — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta l-ammissibbiltà ta' azzjonijiet ġudizzjarji kontra l-atti tal-awtorità kontraenti għall-kostituzzjoni ta' “garanzija ta' kondotta tajba” — Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Artikolu 47 — Dritt għal rimedju effettiv)

(2016/C 419/04)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

### **Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Bucureşti, Curtea de Apel Oradea